

# Kwadru tal-Immakulata fil-Knisja tal-Ġiżwiti fil-Belt

35 sena banda 1979 - 2014

minn Mario Fwnech

Fil-Belt Valletta nsibu numru ta' kwadri u statwi tal-Immakulata Kunċizzjoni, Fost Dawn insemmu dawk li hemm fil-Knsija ta' san Franġisk fi Triq Ir-Repubblika magħrufa bħala "ta' Putirjal", mmexxija mill-Patrijiet Franġiskani Konventwali fejn hemm ukoll il-Fratellanza tal-Immakulata. FiL-Knsija ta' San Franġisk mmexxija mill-Patrijiet Franġiskani Minuri magħrufa bħala "Ta' Ġieżu", fil-parti t'isfel ta' Triq San Ġwann u fil-Knsija tal-Ġiżwiti fi Triq Merkantifejn anness magħha hemm l-Oratorjku tal-Fratellanza tal-Immakulata.

Din is-sodalita' ta' Marija Immakulata kienet twaqfet fis-sena 1595 u fis-sena 1600, ġiet approvata mill-Ġeneral tal-Ordni tal-Ġiżwiti biex din tkun parti mill-Kulleġġ tal-Ġiżwiti.

Meta nbena l-Oratorju, l-imseħbin f'din s-sodalita' ma qagħdux lura biex dan ikun magħni b'ħafna xogħol mill-isbaħ ta' skultura fil-ġebla Maltija u opri sagri t'artisti magħrufa. Sitt kwadri kbar jdawwru l-ħitan tal-Oratorju filwaqt li fuq l-altar hemm il-kwadru tal-Immakulata fi prospettiva li kif jgħid il-Malti, trid seba' għajnejn biex tapprezzaħ sew.

Dan il-kwadru bit-tila tiegħu mqegħda fi gwarniċ ġej xi ftit għat-tond biex jikkumplimenta mad-disinn tal-prospettiva huwa t'artist mhux magħruf. Fiċ-ċentru tat-tila x-xbieha tal-immakulata b'ilbiesHa mtajjar b'kulur abjad bl-ikħal bil-wieqfa fuq sħaba u b'qamar taħt riġlejHa. Fil-parti ta' fuq tat-tila l-figura tal-Missier Etern mdawwar bi sġab abjad qiegħed jinkuruna lill-Madonna filwaqt li qiegħed iżomm f'idu sfera li tirrapreżenta l-univers. Interessanti f'dan il-kwadru huma n-numru t'Anġli żgħar jittajjru madwar ix-xbieha tal-Immakulata. Hemm ħmistax minn dawn – anġli u narawhom qegħdin iżommu f'idejhom uħud mis-simboli tal-Litanija ta' tifħir lill-Madonna. Dan ifakkarna f'waħda mill-posti tar-Rużarju tal-Glorja, fejn ngħidu "Ġet inkurunatamit-Trinita Qaddisa u mgħollija 'l fuq mill-kori tal-Anġli". Tassew xena sabieħa li għalkemm mhux qegħdha f'wieħed mill-kwadri artistiċi li għannda fil-knejjes tagħna, xorta waħda jwassal il-messaġġ tal-kobor ta' din il-ġrajja fejn Ommna Marija ġiet mqedgħda fuq il-ħolqien kollu. Dan Nafuħ minn kliemha stess meta qalet lill-Bernardina "JIENA JIEN L-IMMAKULATA KUNĊIZZJONI".



Il-festa t-tajba lil Kulħadd.